**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Stephen Michael Cassar**

**Mark Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 607/16**

**Illum, sebgha (7) ta' April, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Stephen Michael Cassar** detentur tal-karta tal-identità numru 122987M kif ukoll kontra **Mark Cassar**

detentur tal-karta tal-identità numru 540261M akkuzati talli personalment u/jew fil-kapacità taghhom ta' impjegati jew ta' ufficjali principali jew ta' rapprezentanti tas-Socjetà Cassar Fuel Limited (C28453), fix-xahar ta' Novembru 2009 u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmul b'rizoluzzjoni wahda:

1. **B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;**

2. **Ghamlu qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u**

tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

3. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9;

5. <u>Fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana</u> huma akkuzati ukoll tali f'isimhom proprju u kif ukoll fil-kapacità taghhom ta' Direttur ghan-nom ta' u/jew rapprezentant tas-Socjetà Cassar Fuel Limited (C28453), Cassar Fuel, Triq il-Kummerc, Qormi:

Talli f'Novembru tal-2009, it-tnejn flimkien, bil-komplicità u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin kienu b'xi mod involuti xjentement f'evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni ta' Dazju tas-Sisa, meta xjentement issottomettew lid-Dwana dokumenti b'dikjarazzjonijiet foloz, fis-sens illi alteraw il-kwantitajiet tal-*gasoil* indikati f'dawn id-dokumenti tad-Dwana, ghall-perjodu ta' bejn Awwissu u Settembru 2009, kif spjegat hawn taht:

| Dokument tad-Dwana | Kwantità Attwali | Kwantità Alterata | Diskrepanza |
|---|---|---|---|
| a) E163271 | 100,000 litru | 200,000 litru | 100,000 litru |
| b) E129127 | 67,500 litru | 95,650 litru | 28,150 litru |
| c) E141941 | 100,000 litru | 125,000 litru | 25,000 litru |
| | 267,500 litru | 420,650 litru | 153,150 litru |

Ghalhekk, abbazi ta' din id-diskrepanza moghtija, li kienet tammonta ghal 153,150 litru ta' *gasoil*, huma b'hekk kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab jew jigi ittentat li jinharab id-Dazju tas-Sisa li kien jammonta ghal €53,651.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra

ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) t' Awwissu tas-sena 2018 fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

1. Fl-artikoli 18, 183, 184, 308, 309, u 310 (1)(a)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 62 (i), (k) u (m) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3. Fl-artikoli 17, 23B, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi permezz tal-Att XXIV tas-sena 2014

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat id-digriet datat disgha u ghoxrin (29) t'April 2024 fejn din il-Qorti ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet tal-akkuzati a fol. 73 *et sequitur* kif ukoll kwalsiasi referenza fl-atti ghalihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni bejn il-partijiet;

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehdet l-<u>Ispettur Yvonne Farrugia</u> li pprezentat ittra, mandat t'arrest u tfittxija, ricevuta, sett ta' ritratti, ricevuta, dokument maqbud, photocopier, kaxxa dokument, test page 1, fotokopja ta' test page 1, test page 2 u fotokopja ta' test page 2. Tghid li fl-ghoxrin (20) ta' Novembru 2009 kienet duty officer gewwa l-Economic Crimes Unit meta kienet irceviet ilment mill-Assistent Direttur gewwa d-Dipartiment tad-Dwana u cioè Albert Scerri li kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jassistihom f'investigazzjoni ta' kaz ta' allegat falsifikazzjoni ta' dokumenti li

gew sottomessi mis-socjetà Cassar Fuels Limited u dan bl-iskop li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta. Izzid tghid li Albert Scerri infurmahom li waqt spezzjoni li kienu qeghdin iwettqu nnutaw diversi inkonsistenzi fl-ammonti tal-fuel li gie esportat u b'hekk certu dokumenti gew imbaghbsin. Tghid li l-haddiema ta' Albert Scerri accedew gewwa l-ufficini ta' Cassar Fuels Limited sabiex jingabru diversi dokumenti izda l-akkuzat Mark Cassar ma tax access ghall-ufficcju. Kien ghalhekk li hi talbet mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkuzat Mark Cassar u tali mandat gie ffirmat mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2009. Tixhed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2009 is-Surgent WPS 249 Marousa Debattista, PS 474, u PC 304 accedew fir-residenza tal-akkuzat u cioè 67, Tower Road, Sliema fejn hemmhekk gie arrestat l-akkuzat Mark Cassar. Sussegwentement saret tfittxija ghal dokumenti falsifikati u dokumenti ohra inkonnessjoni ma' dak li allega Albert Scerri. Tkompli tghid li tfittxija kienet saret ukoll gewwa l-ufficcju tas-socjetà Cassar Fuels Limited li jinsab fi Triq il-Kummerc, Hal Qormi fil-prezenza tal-Ufficjali tad-Dwana Lawrence Montesin u Joe Cassar. Tghid li minn hemm kienu gew elevati diversi dokumenti.

Tghid ukoll li ingabru kotba ta' rcevuti relatati mas-Sacro Cuore kif ukoll ircevuti tad-Dwana.

Tixhed li l-akkuzat kien ittiehed id-Depot ghal aktar investgazzjonijiet u rrilaxxa stqarrija bil-miktub. Matul l-istqarrija l-akkuzat ammetta li ibnu Stephen Michael Cassar jiehu hsieb id-dokumenti tad-Dwana u kien ghalhekk li gie mitkellem l-akkuzat Stephen Michael Cassar u ttiehdet l-istqarrija tieghu. Izzid tghid li kienet stabilixxiet li meta socjetà tal-fuel tissupplixxi duty free fuel l-istess socjetà trid titlob permess minghand id-Dwana sabiex ikun hemm approvazzjoni tramite formola li tigi ttimbrata mid-Dwana u kopja ohra tinzamm mill-kumpanija li tissuplixxi l-fuel. Tali dokument jissejjah asycuda. Tghid li matul l-investigazzjonijiet innotat li dawn id-dokumenti setghu gew iffalsifikati mill-akkuzati stante li l-fotokopji ta' dawn il-formoli hargu b'difett f'forma ta' linja. Kien ghalhekk li l-Pulizija kellha tipprova l-photocopier tal-kumpanija tal-akkuzati. Tghid li tali test sehh fl-ufficini tal-akkuzati fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena 2009 u gew elevati kemm il-photocopier kif ukoll diversi karti fejn dehru tracci ta' tipex.

Illi xehdet **Josephine Grima** inrapprezentanza tad-Dwana li pprezentat letter to prosecute fil-konfront tal-akkuzati Mark Cassar u Stephen Michael Cassar. Tixhed li din l-ittra harget fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2015 u giet iffirmata mid-Direttur Generali tad-Dwana.

Illi xehed **Ronald Long** bhala Ufficjal tad-Dwana u qieghed stazzjonat fis-sezzjoni tal-Fuel. Jghid li bhala procedura wara li jaghlaq xahar id-Dwana jkunu jridu bunker tax report u tali rapport gie redatt minnu stess fi zmien Awwissu u Settembru. Jghid li meta kkumpara r-rapport tieghu ma' dak tas-socjetà Cassar Fuels Limited hu seta' jinnota xi diskrepanzi. Jghid li ghalhekk kien talab ghal kopja originali minghand l-istess socjetà Cassar Fuels Limited izda minflok inghata fotokopja. Ipprezenta erba' (4) dokumenti li huma kampjuni tal-formoli li jkollhom jimlew l-akkuzati. Jixhed li d-dokument mertu tal-kawza huwa numerat 163271 datat sitta u ghoxrin (26) t'Awwissu 2009. Jixhed li meta saqsa ghal dan id-dokument hu nghata fotokopja taghha u b'hekk seta' jinnota diskrepanza bejn din il-kopja u l-original. Jixhed li fost id-diskrepanzi seta' jinnota li l-fizzjal tad-Dwana kien nizzel l-ammont ta' mitt elf (100,000) kubu filwaqt li l-fotokopja indikat

mitejn elf (200,000) kubu. Jixhed li dan id-dokument dejjem jimtela mis-supplier. Jixhed li xoghol il-Fizzjal tad-Dwana huwa anke li jivverifika li jekk qieghed jigi ddikjarat mitt elf (100,000) kubu allura l-bunker irid ikun jesa' dak l-ammont.

Jixhed li f'dan il-kaz partikolari b'referenza ghad-dokument numerat 163271 jidher car li filwaqt li gie dikjarat mitejn elf (200,000) kubu, il-bunker jesa' mitt elf (100,000) kubu. Izid jghid li apparti din l-istanza wahda kien hemm zewg (2) istanzi ohra fejn kien hemm diskrepanzi. Tali istanzi gewipprezentati u mmarkati bhala Dok. RL2, RL3, u RL4. Jixhed li hu rrapporta dawn id-diskrepanza lis-superjur tieghu u cioè d-Direttur Albert Scerri. Jikkonferma li hu qieghed jaghraf lill-akkuzat Stephen Michael Cassar.

Illi xehed <u>Albert Scerri</u> li jghid li kien jahdem gewwa d-Dwana izda llum huwa rtirat. Jixhed li fis-sena 2009 hu kien assistent direttur tas-Sisa. Jixhed li dak iz-zmien kien mar fuqu Ronald Long sabiex jinfurmah li sab diskrepanza bejn rapport u iehor. Jixhed li kull xahar huwa pressi li jkun hemm audit fuq l-ammont ta' fuel li jkun inxtara u ntuza. Jghid li s-supplier inkwistjoni kienet is-socjetà

Cassar Fuel Services. Jghid li fuq din l-informazzjoni hu baghat lin-nies sabiex jigbru iktar dokumentazzjoni u stante li l-istess Cassar Fuel Services ma pprovdewx dawn id-dokumenti talab lill-pulizija sabiex tiehu azzjoni. Jikkonferma l-ittra li baghat lill-pulizija a fol. 28 sa 42 tal-atti processwali. Jixhed li d-dokumenti annessi mal-ittra li baghat huma fotokopji ta' dokumenti li rcevew id-Dwana rigward dikjarazzjonijiet ta' deliveries li jsiru minn bowser lill-vapuri. Tali dokumenti gew ipprovduti minn Cassar Fuel Services. Jixhed li d-dokumenti inkwistjoni huma tlieta u cioè bin-numru 163271, 129127, u 14194. Jixhed li hu fil-fatt kien iltaqa' mal-akkuzati Stephen Michael Cassar u Mark Cassar.

Illi xehed <u>PL Quentin Tanti</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-MFSA li pprezenta estratt ta' dokument registrat tas-socjetà Cassar Fuel Service Station Limited bin-numru C-54102. Tali socjetà kienet giet registrata fis-sitta u ghoxrin (26) t'April tas-sena 2012. Ipprezenta l-memorandum and articles of association li gie registrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena 2013 u li bhala direttur kien jidher l-akkuzat Mark Cassar kif ukoll bhala segretarju u azzjonist bi tmien mitt elf ishma (800,000). Jghid li fis-sena 2012 is-socjetà kienet bidlet isimha minn Cassar Petrol Stations Limited

u li qabel dik is-sena l-akkuzat Mark Cassar kien azzjonist wahdu, direttur kif ukoll segretarju.

Illi xehed <u>**Christopher Galea**</u> inrapprezentanza tad-Dwana li jghid li fir-rigward id-dokument immarkat bhala Dok. JG1 a fol. 90 tal-atti processwali kien hemm bidla fl-indirizz tal-kumpanija. Jghid li l-isem tas-socjetà Cassar Fuels Service Station bin-numru ta' registrazzjoni C-56102 irid jinbidel ghal Cassar Fuels Limited bin-numru C-28453 gewwa Triq il-Kummerc, Qormi.

Illi rega' xehed <u>**PL Quentin Tanti**</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-MFSA li jghid li s-socjetà Cassar Fuels Limited bin-numru C-28453 giet registrata fit-tnax (12) ta' Lulju 2001. Ipprezenta memorandum of articles and association tas-socjetà li dahal fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena 2009. Jixhed li fis-sena 2009 l-akkuzat Mark Cassar kien id-direttur tas-socjetà, kif ukoll segretarju u azzjonist b'hamsin elf (50,000) ishma.

Illi xehed <u>**Joseph Saliba**</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-JobsPlus li pprezenta storja tal-impjieg tal-akkuzat Stephen Michael Cassar kif ukoll tal-akkuzat Mark Cassar.

Illi regghet xehdet **l-Ispettur Yvonne Farrugia** li pprezentat kaxxa dokumenti li gew elevati mill-ufficini ta' Cassar Fuels Limited gewwa Triq il-Kummerc, Qormi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2009 u dan meta kienet sehhet tfittxija mis-Surgent 249 Marouska Debattista, PS 474, WPC 304 u zewg (2) ufficjali tad-Dwana. Tali kaxxa giet ipprezentata bhala Dok. YFX.

Illi xehed **Joe Cassar** inrapprezentanza tad-Dwana li jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2009 kien wettaq tfittxija flimkien mal-pulizija fl-ufficini tas-socjetà Cassar Fuel Limited gewwa Triq il-Kummerc, Hal Qormi. Jghid li din it-tfittxija sehhet fuq it-talba tad-Direttur ta' dak iz-zmien u cioè Albert Xerri. Jghid li xoghol kien li jobdi l-istruzzjonijiet ta' Lawrence Montesin u sabiex jigbru d-dokumenti kollha fuq il-post li ghandhom x'jaqsmu ma' bejgh u xiri. Izid jghid li kien hemm dokumenti li skont l-akkuzat Mark Cassar li kien prezenti fl-ufficcju dakinhar kienu ghand l-accountant.

Illi xehed **Lawrence Montesin** inrapprezentanza tad-Dwana li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2009 kien jokkupa l-kariga ta' Spettur. Jixhed li flimkien ma' Joe Cassar kien wettaq tfittxija

flimkien mal-pulizija fl-ufficini tas-socjetà Cassar Fuel Limited gewwa Triq il-Kummerc, Hal Qormi. Jghid li din it-tfittxija sehhet fuq it-talba tad-Direttur ta' dak iz-zmien u cioè Albert Xerri. Jixhed li d-dokumenti li ngabru jinsabu mmarkati bhala Dok. YFX.

Illi xehed <u>Reuben Chetcuti</u> li jghid li fis-sena 2009 kien jahdem gewwa d-Dwana. Jixhed li dak iz-zmien kien intghazel biex jivverifika bunker tal-fuel fuq bastiment tal-ghamla Sea Jaguar gewwa l-Port il-Kbir. Jikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument RL2. Jispjega li meta jmur biex jivverifika bunker ta' bastiment hu jivverifika d-dokument tal-istess bunker fir-rigward kemm jista' jkollu ammont ta' fuel. Jikkonferma li fir-rigward id-dokument numerat 163271 hu kien ivverifika li l-bastiment kellu jiehu mitt elf (100,000) litru bhala fuel. Jghid li l-kumplament tad-dokument imtela' mill-persuna responsabbli ghas-socjetà Cassar Fuels Limited. Jixhed li hu vverifika li s-supplier, u cioè Cassar Fuels Limited hadu mitt elf (100,000) litru bhala fuel. Jikkonferma li l-ammont ta' mitejn elf (200,000) litru ma kitbux hu fuq id-dokument immarkat bhala Dok. RL2G. Jikkonferma li l-akkuzati huma assocjati mal-Cassar Fuels Limited.

Illi xehed <u>Noel Pace</u> li jghid li fis-sena 2009 hu kien principal gewwa s-sezzjoni tal-arkivji li kellhom x'jaqsmu mal-fuel u dan fi hdan id-Dwana. Jixhed li fir-rigward id-dokument numerat E 129127 u cioè mmarkat Dok. RL3 kien hu li mliha u kienet tirrigwardja l-ammont ta' fuel li s-socjetà Cassar Fuel Limited seta' jghabbi. Jixhed li skont kif iffirma hu s-socjetà seta' jiehu hamsa u sebghin tunnellati metrici ta' fuel u fil-fatt kien gie dikjarat sebgha u sittin elf u hames mitt (67,500) litru ta' fuel. Jixhed però li hemm diskrepanza bejn din id-dikjarazzjoni u dak dikjarat fid-dokument immarkat bhala Dok. RL3A. Jixhed li l-kaxxa numru 35 fuq dan id-dokument ma gietx miktuba minnu. Jaghraf lill-akkuzati bhala propjetarji tas-socjetà Cassar Fuels Limited.

Illi xehdet <u>Victoria Bonnici</u> inrapprezentanza tad-Dwana li tghid li hi tahdem bhala principal. Tixhed li fis-sena 2009 hi kienet qieghda tahdem mal-bunkering li jinvolvi li tosserva kemm hemm fuel li jittiehed duty free fuq il-vapuri. Tikkonferma li d-dokument immarkat bhala Dok. RL4G li huwa dokument originali ta' xoghol li sar mal-bunkers. Tikkonferma l-firma taghha fuq tali dokument kif ukoll l-ammont ta' mitt elf (100,000) litru. Tixhed però li fuq dokument iehor hemm kitba li mhix taghha fejn qieghed jigi

indikat l-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin elf (125,000) litru liema ammont ma giex miktub minnha u dan b'referenza ghad-dokument immarkat Dok. RL4A. Tgharaf lill-akkuzati bhala propjetarji tas-socjetà Cassar Fuels Limited.

Illi xehed <u>Ex PS 1349 Ranier Agius</u> li jghid li fis-sena 2009 hu kien stazzjonat gewwa l-Economic Crimes Unit. Jghid li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2009 kien mar fl-ufficini tas-socjetà Cassar Fuels Limited gewwa Hal Qormi. Jghid li meta dahal fl-ufficcju kien iccekkja l-photocopier stante li kien hemm difett li beda johrog fuq certu karti. Jghid li hu agixxa fuq l-istruzzjonijiet tal-Ispettur Yvonne Farrugia. Jghid li kull karta li kienet qieghda tohrog kienet qieghda timmarka linja zghira. Jikkonferma din il-linja fuq id-dokumenti mmarkati Dok. YF14 u Dok. YF16. Jixhed li dakinhar tat-tfittxija kien hemm Stephen Michael Cassar prezenti.

Illi xehdet <u>WPS 249 Marouska Debattista</u> li tghid li fl-ghoxrin (20) ta' Novembru 2009 kienet irceviet rapport minghand id-Dwana fejn kien qieghed jigi allegat falsifikazzjoni ta' certu dokumenti min-naha tas-socjetà Cassar Fuels fejn instabet diskrepanza tal-ammont ta' fuel li gie esportat barra. Tixhed li bis-sahha ta'

mandat t'arrest u tfittxija kienet marret twettaq arrest fil-konfront tal-akkuzat Mark Cassar fir-residenza tieghu flimkien mas-surgent 474 u WPC 304. Izzid tghid li wara li sehh l-arrest gewwa tas-Sliema kienu marru gewwa l-ufficcju tal-kumpanija Cassar Fuels li jinsab gewwa Hal Qormi u dan sabiex issehh tfittxija fil-prezenza tal-Ufficjali tad-Dwana. Tixhed li l-ghan tat-tfittxija kienet sabiex jinstabu d-dokumenti ffalsifikati. Tixhed li d-dokumenti li ngabru huma pprezentati u mmarkati bhala Dok. YF7 a fol. 44 *et sequitur* tal-atti processwali. Tikkonferma l-firma taghha kif ukoll ta' WPC 304 fuq dawn id-dokument. Tixhed li l-ircevuti li hemm prezenti kienu nhargu f'isem l-akkuzat izda hu ma ffirma l-ebda wahda minnhom. Tixhed li hi kienet kellmet lill-akkuzat Mark Cassar gewwa l-ufficcju taghha u kienet saret tfittxija ohra. Jghid li wara li l-akkuzat Mark Cassar gie arrestat, kien anke gie arrestat Stephen Michael Cassar stante li gie l-ufficcju taghha minn jeddu. Tghid li kienet sehhet tfittxija ohra stante li riedu jivverifikaw jekk il-magna li taghmel il-fotokopji tohrogx karti b'linja difettuza f'nofs il-pagna. Tikkonferma l-pagni li ntuzaw bhala testijiet li huma pprezentati u mmarkati bhala Dok. YF13, YF 14, YF 15 u YF 16. Tghid li l-linja difettuza tidher fuq uhud mid-dokumenti.

Illi xehdet Ex-WPS 304 Lorna Mifsud li tghid li fis-sena 2009 kienet stazzjonata gewwa l-Economic Crimes Unit gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Yvonne Farrugia. Tghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2009 hi flimkien ma' WPS 249 u WPS 474 esegwew mandat kontra Cassar Fuels. Tghid li kien qieghed jigi allegat ir-reat ta' frodi fuq certu dokumenti u kien ghalhekk li accedew gewwa r-residenza tal-akkuzat Mark Cassar u cioè l-fond numru 67, Tower Road, Sliema kif ukoll l-ufficcju tal-kumpanija li jinsab gewwa Triq il-Kummerc, Hal Qormi. Izzid tghid li fl-ufficcju saret tfittxija u kienet akkumpanjata mill-Ufficjali tad-Dwana Joe Cassar u Lawrence Montesin li elevaw diversi dokumenti. Tikkonferma li d-dokumenti li ngabru huma pprezentati u mmarkati bhala Dok. YF7 a fol. 44 *et sequitur* tal-atti processwali. Tikkonferma wkoll il-firma taghha kif ukoll dak ta' WPS 249. Tixhed li fuq l-ircevuta l-akkuzat Mark Cassar kien irrifjuta li jiffirma fuqha. Tghid li dawn id-dokumenti kienu ngabru u ntbaghtu gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Yvonne Farrugia.

Illi xehed PS 474 Norbert Said li jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2009 hu flimkien ma' WPC Maruska Debattista u WPC Lorna Mifsud marru wettqu tfittxija gewwa Cassar

Fuels li jinsab fi Triq il-Kummerc, Hal Qormi fil-prezenza tal-akkuzat Mark Cassar. Jixhed li maghhom kien hemm ukoll zewg (2) Ufficjali tad-Dwana u cioè Lawrence Montesin u Joe Cassar. Jghid li dakinhar kienu elevaw seba' (7) files mimlijin dokumenti tad-Dwana. Izid jghid li hu kien stazzjonat gewwa l-Economic Crimes Unit. Jikkonferma li dawn id-dokumenti jinsabu pprezentati u mmarkati bhala Dok. YF7 a fol. 44 *et sequitur* tal-atti processwali. Jikkonferma wkoll il-kitba tieghu fuq tali dokumenti kif ukoll il-firem ta' WPC 304 u WPS 249.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati*

*oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-*

*ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri ma jirrizultax li hemm provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettewhom l-imputati odjerni u dan ghaliex jirrizulta li hargu diversi nkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f' din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex

tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *""Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik*

*ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti ser ikollha tanalizza l-principju legali ta' *subjectum criminis*. Referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-PL Quentin Tanti a fol. 192 *et sequitur* tal-atti processwali kif ukoll ghad-dokumenti esebiti mill-istess xhud.

Hareg bic-car li l-akkuzat Mark Cassar huwa d-direttur, segretarju u azzjonist tas-socjetà Cassar Fuel Limited (C-28453).

Illi <u>l-Professur Mamo</u> fin-noti tieghu jghid hekk fuq dan is-suggett:

*"Now the law knows two kinds of persons distinguishable as natural and legal. A natural person is a being to whom the law attributes personality in accordance with reality and truth. Legal persons are beings to whom the law attributes personality by way of fiction.*

*The only natural persons are human beings. Legal persons - termed also fictitious, juristic, artificial or moral persons - being the creation of the law, may be of as many kinds as the law pleases. In the English system of law those which are actually recognized all fall within a single class, namely corporations or bodies corporate.*
*The question arises: can a legal person be the subject of a criminal offence?*

*…*

*Our Criminal Code does not contain any general provision on the subject. But it may be noted that in some cases special laws make the directors or the managers of an association, company or partnership answerable for the wrongs of the association, company or partnership. Thus Section 3 of the George Cross Ordinance, 1943, lays down that when a company or society is guilty of a contravention against section 1 (i.e., makes use of the emblem for trading purposes without a licence) every director, manager, secretary and other officer of the company or society who is knowingly a party to the contravention shall be guilty of an offence against the Ordinance. A similar provision is contained in the Geneva Convention Act, 1911, which makes the director, etc., liable "without prejudice to the liability of the company or society": this Act applies to Malta."*

Illi ampja referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 136A (3) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"B'mod partikolari, izda bla hsara ghal kull dmir iehor moghti lid-diretturi ta' kumpanija, jew lil xi wiehed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assocjazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi ligi ohra, id-diretturi ta' kumpanija:*

***a. ikunu obbligati li jeżercitaw kura, diligenza u hila li jkunu ezercitati minn persuna ragonevolment diligenti li jkollha –***

***(i) kemm it-taghrif, il-hila u l-esperjenza li jkunu ragonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpanija;***[2]*"*

Illi ghalhekk ghal din ir-raguni l-Qorti mhix sejra tiehu konjizzjoni tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tal-akkuzat Stephen Michael

[2] Emfazi ta' din il-Qorti.

Cassar stante li hu ma jiccentra mkien fil-gerarkija tas-socjetà Cassar Fuels Limited (C-28453).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-Qorti m'ghandha ebda alternattiva ohra ghajr li tippuntwalizza li l-proceduri odjerni hlew il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti. Huwa ampjament car li l-prosekuzzjoni iktar hadet il-hin taghha sabiex itella' xhud wara l-iehor bit-tama li jinholoq ness bejn id-dokumenti allegatament falsifikati u dawk originali, u b'hekk iwettqu spedizzjoni ta' sajd, milli jizguraw li l-elementi necessarji tal-allegati reati gew ippruvati fil-konfront tal-akkuzati.

Illi l-Qorti ghandha tissottolinea diversi nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni u cioè li fl-ebda mument matul dawn il-proceduri ma ntalbet il-hatra ta' esperti teknologici sabiex janalizzaw il-photocopier li gie esebit fl-atti processwali u wisq anqas esperti tal-kalligrafija u/jew forensici sabiex janalizzaw l-ammont voluminuz ta' dokumenti li gew ipprezentati, jew ahjar mitfughin, fl-atti processwali. Dan iktar u iktar meta diversi drabi matul il-kumpilazzjoni tal-provi, il-prosekuzzjoni dejjem irreferiet ghal fatt

li l-karti li johorgu mill-photocopier tal-akkuzati kien ikollhom linja difettuza.

Illi zgur mhux forsi li analizi dettaljata ta' dawn id-dokumenti u l-esebiti kienu jghinu aktar sabiex tohrog il-verità kollha.

Illi di più, kien ampjament car li l-prosekuzzjoni strahet kompletament fuq l-istqarrijiet tal-akkuzati u ghalhekk raw li ma kienx hemm bzonn htiega li ssir investigazzjoni iktar dettaljata. Illi rrizulta li tali stqarrijiet gew sfilzati permezz ta' digriet datat disgha u ghoxrin (29) t'April 2024 minn din il-Qorti fuq talba tad-difiza. Il-Qorti tirrimarka li l-investigazzjonijiet ma ghandhomx jieqfu biss mal-istqarrija, dan iktar u iktar meta tqis li l-icken nitfa ta' dubju fil-proceduri dejjem jimmilita favur l-akkuzat fil-kamp kriminali.

Illi mankanza ohra tal-prosekuzzjoni kienet l-ezistenza o meno ta' kwalunkwe qligh li allegatament ghamlu l-akkuzati. Hija xi haga li ma titwemminx li prova bazika bhal din b'semplici verifikazzjoni mal-banek lokali ma tingiebx u ma tigixipprezentata fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi ghandu jinghad li l-proceduri kurrenti kienu destinati li jfallu mill-bidu nett u dan minhabba l-fatt li l-allegazzjonijiet gew a konoxxenza tal-prosekuzzjoni fis-sena 2009. Hija ghalhekk haga tal-iskantament ghal din il-Qorti li kellhom jghaddu xejn inqas minn seba' (7) snin sabiex jinhargu l-akkuzi kontra l-imputati. Seba' (7) snin fejn suppost il-prosekuzzjoni kkonduciet investigazzjoni xierqa anke tramite inkjesta magisterjali izda dan ma sehhx ukoll.

Illi l-Qorti tinsab hosbiena dwar ir-raguni ghaliex il-prosekuzzjoni ghazlet li tressaq l-akkuzi odjerni ftit qabel l-gheluq tal-azzjoni kriminali u dan kif sancit taht l-Artikolu 688 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:*
>
> *(c) l-eghluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa'snin u mhux anqas minn erba' snin"*

Dan ikompli jsahhah l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-ufficjali prosekuturi ma kellhom qatt jibdew proceduri kriminali. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti qatt ma tista' tkun moralment konvinta li l-verdett finali ghandu jkun wiehed li jinsab il-htija.

## Decide

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati **Stephen Michael Cassar** u **Mark Cassar** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju dettat mil-ligi u konsegwentement tilliberahom minn kull htija u piena.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**